L-Ordni Ewropea tal-Ħlas

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 1896/2006

Informazzjoni ġenerali

Ir-Regolament tal-Kunsill 1896/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura Ewropea għall-ordni ta' pagament jippermetti li l-krediturі jirkupraw il-kwistjonijiet ċivili u kummerċjali mhux ikkontestati skont proċedura uniformi li taħdem b'formoli standard.

Ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

Il-proċedura ma teħtieġx preżenza quddiem il-qorti. Dak li jagħmel it-talba jrid biss jibgħat l-applikazzjoni tiegħu, imbagħad kollox jimxi waħdu. M'hemmx bżonn ta' aktar formalitajiet jew intervent ieħor min-naħa ta' min jagħmel it-talba.

Ir-Regolament jipprovdi seba' formoli standard.

Ma tafx jekk l-ordni tal-ħlas Ewropea jew il-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar tistax tintuża għat-talba tiegħek? Uża l-wizard disponibbli fuq il-paġna Formoli online biex jgħinek tiddeċiedi.

Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jipprovdik b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u b'għodda faċili li tintuża biex timla l-formoli.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Ħoloq relatati

Gwida ta' Prattika għall-app likazzjoni tar-Regolament dwar l-Ordni ta' Ħlas Ewropea PDF (5806 Kb) mt

Is-sit web ARKIVJAT tal-ATLAS Ġudizzjarju Ewropew (magħluq fit-30 ta' Settembru 2017)

L-aħħar aġġornament: 01/04/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.